MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 26/2004/1

**Sydney Ellul Sullivan**
**vs**
**Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fis-26 ta' Lulju, 2004, li *in forza* tieghu r-rikorrenti, wara li ppremetta :

Illi il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-15 ta' Lulju 2004 fil-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Sydney Ellul Sullivan" sabet lill-esponenti hati u kkundannatu billi ddecidiet :

"Tikkonferma is-sentenza ta' l-ewwel Qorti in kwantu illiberat lill-appellat mill-akkuzi taht l-artikoli 60 (a) (b), 62 (a) (b) (c) (e) u (h) tal-Kap. 37, minn dawk li jaqghu taht l-artikoli 172 u 183 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9);

U tirrevokaha in kwantu ma sabitux hati u illiberatu mill-akkuzi li jaqghu taht l-artikoli 62 (f) (g) (i) (k) u (m) tal-Kap. 37 u Artikoli 7 (1) u 12 (1) tal-Kap. 336 u taht l-artikoli 184 u 308 tal-Kodici Kriminali;

U, wara li rat l-artikolu 62 (f) (g) (i) (k) u (m) u 77 tal-Kap. 37 u Artikoli 7 (1) u 12 (1) tal-Kap. 336 u l-artikoli 184, 308, 14, 17, 18, 19, 28A tal-Kap. 9;

Tikkundanna lill-appellat ghall-ksur tal-ligi kontemplat fl-akkuzi li jaqghu taht l-artikoli 184 u 308 tal-Kap. 9 u 7 (1) tal-Kap. 336 ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn b’dana li s-sentenza ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ snin mill-lum il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija;

Kif ukoll tikkundannah ghall-htija tieghu taht l-artikolu 62 tal-Kap. 37 u ta’ l-Artikolu 7 (1) tal-Kap. 336 ghall-hlas ta’ multa ta’ (LM62,171.20) import ta’ l-ammont tad-dazju dovut, (LM44,432.92) bhala levy u d-doppju tal-valur tal-oggetti (LM191,675.40.5 x 2) = b’kollox erba’ mija disgha u tmenin elf disa’ mija u erbgha u hamsin lira maltin u hamsa u disghin centezmu (LM489,954.95);

Taghti lill-appellat li jhallas l-ammont imsemmi minnu dovut fi zmien (36) xahar f’rati mensili pagabbli kull l-ahhar tax-xahar b’dana illi jekk ma jsirx hlas ta’ l-wahda mir-rati, l-ammont shih li jkun fadal ghandu jkun dovut u jithallas minnufih u jekk ma jithallasx, il-multa tigi konvertita fi prigunerija skond il-ligi skond l-ammont li jkun ghadu dovut.

L-appellat ghandu jhallas terz ta’ l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-periti.”

Illi tali senenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali inghatat fuq appelll prezentat mill-prosekuzzjoni mid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fejn l-istess rikorrenti kien instab mhux hati tar-reati lilu addebitati u kien gie liberat minn kull htija jew piena;

<u>Smigh fi zmien ragonevoli</u>

Illi r-rikorrenti tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati akkuzat ta' reati li skond l-istess att ta' akuza sehew bejn Ottubru 1989 u Gunju 1991 u cioe' mill-anqas tlettax il-sena (13) ilu. Illi l-esponent jissottometti bir-rispett illi t-trapass ta' perjodu ta' zmien ta' tlettax-il sena imur oltre dak iz-zmien ragonevoli f'liema huwa mehtieg li process li jiddetermina l-innocenza o meno ta' imputat ghandu jiehu. Inoltre tali trapass ta' zmien sehh minghajr responsabbilita da parti ta' l-esponent u minghajr raguni valida. Ghalhekk l-esponent jissottometti bir-rispett illi d-dritt tieghu kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 6 tal-iskeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 139) u cioe' d-dritt ghal smigh fi zmien ragonevoli gie vjolat;

Illi in oltre l-esponent jissottometti ukoll illi s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali tmur kontra l-prezunzjoni ta' l-innocenza billi d-decizjoni hemm mehuda hija bbazata fuq sensiela ta' prezunzjonijiet kontra l-imputat li flimkien gabu fix-xejn zewg pricipji fundamentali ghal smigh xieraq u cioe' li l-imputat huwa dejjem prezunt innocenti sakemm huwa pruvat kuntrarju u li kwalunkwe dubju li jinholoq bi provi ghandu jigi interpretat favur l-imputat. Iz-zewg principji imsemmija jibqghu fis-sehh anke meta l-artikolu tal-ligi li wiehed ikun akkuzat tahtu jirrikjedi l-inverzjoni tal-provi stante li f'tali inverzjoni irid dejjem jinzamm bilanc bejn id-drittijiet fundamentali ta' l-imputat u l-limiti li wiehed jista ragonevolment iqieghed fuq tali drittijiet fundamentali.

<u>Prezenzjoni ta' l-Innocenza</u>

1. Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ibbazat il-kundanna taghha kontra l-esponent fuq sensiela ta' prezunzjonijiet li flimkien marru oltre l-bilanc mehtieg li jinzamm bejn l-effetti ta' l-inverzjoni tal-prova fuq l-imputat u l-prezunzjonijiet fundamentali ghal smigh xieraq rikjesti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja. L-esponent jissottometti bir-rispett illi minkejja li l-ligi tkun tippermetti l-inverzjoni tal-provi, tali inverzjoni trid tigi applikata fil-parametri tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, b'dan illi minkejja l-prezunzjuni kontra l-imputat li

tali inverzjoni tal-prova tista tohloq tali posizzjoni ma tista qatt tinnega u ggib fix-xejn il-prezunzjoni ta' l-innocenza u l-principju li kwalunkwe dubbju ghandu jigi applikat favur l-imputat.

L-Artikolu 77 tal-Ordinanza dwar id-Dwana tinverti il-prova fuq l-imputat fejn il-prosekuzzjoni turi li d-dazju ma thallasx u konsegwentement tirrikjedi li l-imputat jipprova fuq bazi ta' probabbilita li dak id-dazju fil-fatt thallas. In oltre l-Artikolu 77 ta' l-ordinanza jirrikjedi prova ta' xjenza da parti tal-imputat u tali element irid jigi pruvat strettament mill-prosekuzzjoni. Fir-rigward ta' l-element ta' xjenza rikjesta fl-akkuza koperta b'artikolu 77 tal-Ordinanza tali provi trid issir mill-prosekuzzjoni u fuq dan l-element ma hi permessa l-ebda inverzjoni tal-provi. L-esponent jissottometti bir-rispett illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali naqqset fil-konfront tal-harsien tad-drittijiet fundamentali tieghu kemm fir-rigward tal-provi imressqa fuq l-element tax-xjenza rikjest mill-artikolu 77 tal-ordinanza kif ukoll fir-rigward tal-inverzjoni tal-prova tal-hlas tad-dwana u l-prezunzjonijiet maghmula minn dik il-Qorti.

Fir-rigward ta' l-element tax-xjenza dik l-Onorabbli Qorti injorat il-prezunzjoni ta' l-innocenza kompletament u minghajr prova mressqa da parti tal-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward ghaddiet sabiex tikkonkludi "Jirrizulta li dan l-abbuz sar ghal xi zmien, u b'mod regolari li l-konsenji inkriminati kienu jirrigwardaw dejjem is-socjeta ta' l-appellat u z-zewg socjetajiet ohra socjeta ta' diretturi bl-istess kunjom bhal appellat li jigu minnu. B'dan l-abbuz l-appellat kellu interess li jaghmel dan kollu, u b'hekk jiggwadanja sew billi evadi l-hlas tad-dazju involut fuq tant partiti u li jlahhqu ammont konsiderevoli 'l fuq minn mitt elf lira Maltin."

Ghalhekk minkejja li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx ix-xjenza ta' l-imputat dwar l-evazjoni tad-dwana u dan sal-grad rikjest mill-artikolu 77 tal-Ordinanza dik l-Onorabbli Qorti ghaddiet sabiex tipprezumi li l-gwadan kien ghal-favur tas-socjeta' ta' l-imputat u ghalhekk huwa kien konsapevoli ta' dan. Dan mhux biss imur kontra l-Artikolu

77 ta’ l-Ordinanza izda jinjora kompletament il-prezunzjoni ta’ l-innocenza.

L-esponent jissottometti bir-rispett illi l-Onorabbli Qorti kienet ukoll zbaljata meta mill-inverzjoni tal-prova applikat sensiela ta’ prezunzjonijiet li flimkien gabu fix-xejn il-prezunzjoni ta’ l-innocenza u waslu ghal nuqqas ta’ smigh xieraq. B’hekk minkejja nuqqas ta’ prova konkreta dik l-Onorabbli Qorti ghamlet sensiela ta prezunzjonijiet u anke xehtet fuq l-imputat element ta’ prova tant qawwi li hassret il-prezunzjoni ta’ l-innocenza mill-bidu tal-deliberazzjoni fuq il-kaz b’tali mod illi pprezumiet lill-imputat hati hekk kif ghab-bazi ta’ prima facie l-prosekuzzjoni resqet prova li l-entires tad-dwana ma jidhrux fil-kotba tad-Dwana. Sussegwentement ghal dan il-Qorti fitxett l-elementi dwar il-htija ta’ l-esponent u dan oltre l-limiti imposti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea. B’hekk dik il-Qorti sahansitra sabet lill-esponent hati tali “Dwar dan, l-appellat ma gab ebda prova li l-flus gew approprjati jew misruqa mill-impjegati tad-Dwana.”

L-esponent wera li skond dokumenti mghoddija mid-Dwana stess id-dazju kien thallas u dan billi l-istess dokumenti kienu jghidu li l-pagament kien ricevut mid-Dwana. Minkejja dan dik l-Onorabbli Qorti zbaljatament irrikjediet provi oltre dan b’tali mod li kwalunkwe dubju mressaq mir-rikorroent fuq il-htija tieghu ta’ akkuzi migjuba kontra tieghu gie applikat kontra tieghu minflok favurih kif tirrikjedi l-prezunzjoni ta’ l-innocenza. Dik l-Onorabbli Qorti injorat tali prova ghab-bazi ta’ prova ex parte li skond ir-regoli tal-procedura kriminali lanqas kienet prova ammissibbli.

2. <u>Sentenza ghab-bazi ta’ provi mhux ammissibbli</u>

L-esponent jissottometti bir-rispett illi l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali ivvjolat id-dritt tieghu ghal smigh xieraq billi strahet fuq prova li tressqet mill-prosekuzzjoni biss u cioe fuq prova ex parte meta anke r-regoli tal-procedura kriminali tirrikjedi li tali prova hija wahda inammissibbli fi proceduri kriminali. Dik il-Qorti b’hekk stiehet u addebitat htija fuq l-esponenti ghab-bazi ta’ prova u opinjoni li

lanqas kienet ammissibbli skond il-ligi. Pero minkejja dan dik l-Onorabbli Qorti sabet lill-imputat hati billi kkonkludiet li dawn id-dokumenti li gew prezentati u li juru li l-pagament sar kienu dokumenti b'timbru falz. F'tali deliverazzjoni dik il-Qorti ukoll ipprezumiet illi l-esponent kien konsapevoli li t-timbri kienu foloz u li tali timbri saru u gew uzati minnu.

3 L-akkuzi taht il-Kodici Kriminali

Illi l-imputat tressaq fuq akkuzi kemm taht il-Kodici Kriminali (Kap. 9) kif ukoll taht l-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37). Huwa wara li kien illiberat minn kwalunkwe akkuza mill-Qorti tal-Magistrati, gie dikjarat hati u gie sussegwentement ikkundanat kemm taht l-artikoli tal-Ordinanza tad-Dwana kif ukoll taht l-Artikoli tal-Kodici Kriminali. Filwaqt li l-artikoli taht l-Ordinanza tad-Dwana jippermettu l-inverzjoni tal-prova anzi jikkrejaw prezunzjonijiet kontra l-imputat, dawk tal-Kodici Kriminali ma jippermettu l-ebda inverzjoni tal-prova jew prezunzjonijiet kontra l-imputat u in oltre jirrikjedu l-prova minghajr dubbju tal-prosekuzzjoni.

Illi s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali bir-rispett ma ghamlitx din id-distinzjoni bejn fejn kien permess l-inverzjoni tal-provi u l-uzu ta' prezunzjonijiet kontra l-imputat u fejn tali inverzjoni u prezunzjoni ma kienitx permessa. B'hekk wara li applikat l-inverzjoni tal-provi u l-prezunzjoni kontra l-imputat b'mod ecessiv u leziv tad-drittjiet fundamentali tieghu, marret oltre sabiex ghab-bazi ta' dawk il-konkluzjonijiet tikkundanna lill-imputat taht artikoli tal-ligi li lanqas jippermettu l-inverzjoni tal-provi jew l-uzu ta' prezunzjonijiet kontra l-imputat.

L-esponent jissottometti illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali waslet sabiex issib lill-esponent hati ta' akkuzi taht il-Kodici Kriminali ghab-bazi ta' konkluzjonijiet li waslet ghalihom ghab-bazi ta' prezunzjonijiet li saru fuq l-interpretazzjoni tal-inverzjoni tal-provi kif giet applikati minn dik il-Qorti. Dan minkejja li l-akkuzi taht il-Kodici Kriminali ma jippermettu l-ebda inverzjoni tal-prova u l-ebda prezunzjoni kontra l-imputat. B'hekk minkejja

nuqqas ta’ prova li ma thalli l-ebda dubju da parti tal-prosekuzzjoni kif huwa rikjest mill-artikoli koncernati tal-Kodici Kriminali dik l-Onorabbli Qorti bbazat il-konkluzjoni taghha fuq prezunzjonijiet u mhux fuq dawk il-provi rikjesti mill-istess ligi.

Illi ghalhekk b’konsegwenza ta’ dan gew vjolati d-drittjiet fondamentali taghhom kif protetti bl-artikolu 39 u in partikolari s-subartikolu 5 tal-istess artikolu tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319), u l-istess drittijiet fondamentali gew vjolati sija fid-dawl taz-zmien esagerat li ha l-process kollu biex jigi konkluz, sija bil-fatt tal-prezunzjonijiet fuq imsemmija li lleda d-dritt tieghu li jigi prezunt innocenti sakemm jigi pruvat il-kuntrarju.

Ghaldaqsant l-esponent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li gew vjolati d-drittijiet fondamentali tieghu kif protetti bl-artikolu 39 u in partikolari s-subartikolu 5 ta’ l-istess artikolu tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319), u b’hekk u konsegwentement joghgobha tannulla u thassar il-precitat sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali tal-15 ta’ Lulju 2004, fl-ismijiet il-Pulizija vs Sydney Ellul Sullivan billi mehuda in vjolazzjoni ta’ l-istess drittijiet fondamentali tieghu u taghtih kull rimedju iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat ir-risposta tal-intimati Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija, li *in forza* taghha wiegbu :

1. Kwantu ghall-allegat ksur tal-Art 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minhabba allegat dewmien mis-smiegh tal-kawza l-esponenti jirrilevaw illi :
(i) Il-kawza kontra r-rikorrent kienet wahda komplikata illi kienet tinvolvi mhux biss is-smiegh ta’ hafna xhieda izda ukoll ezamijiet xjentifici u paraguni ta’ hafna dokumenti u anke xhieda mill-esteru u perizji.
(ii) Ir-rikorrent m’hux talli qatt ma ilmenta mill-allegat dewmien waqt li kien qed isir l-istess smiegh izda talli kien hu u l-Avukati tieghu illi kienu kagun ta’ diversi

differimenti fis-smiegh tal-kawza – tant li l-prosekuzzjoni sahansitra kellha ukoll taghmel rikors fejn talbet illi r-rikorrent jigi dirett biex jekk id-difiza tieghu ma setghetx tonora l-appuntamenti ghas-smiegh tal-kawza jfittex difiza tramite legali ohrajn;

(iii) Illi fi kwalunkwe kaz id-dewmien ma jistax jivvizzja l-meritu tal-proceduri izda jista', se mai, jaghti lok ghall-kumpens ghad-dewmien ut sic li f'dan il-kaz certament li m'humiex indikat fil-kaz odjern;

2. Kwantu ghall-lanjanza dwar allegat nuqqas ta' rispett tal-prezunzjoni tal-innocenza u nuqqas konsegwenzali ta' smiegh xieraq huwa rilevat is-segwenti :

(i) Illi l-bicca l-kbira tar-reati illi r-rikorrent instab hati taghhom ma kienux reati taht l-Ordinanza tad-Dwana (per ezempju l-htija taht l-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali cioe "talli xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz" u l-htija skond l-Artikolu 308 tal-istess Kodici cioe' Frodi b'eghmil qarrieqi") u ghal dawn ir-reati certament illi ma applikat ebda prezunzjoni iuris tantum jew mod iehor. Is-sejbien ta' htija f'dawn ir-reati kien ibbazat fuq l-apprezzament li ghamlet il-Qorti tal-provi migjuba mill-prosekuzzjoni Dawn qed jigi rilevat peress illi r-rikorrent qieghed konvenjentement jipprova jghid li l-Qorti applikat l-Artikolu 77 tal-Ordinanza tad-Dwana ghar-reati kollha li taghhom hu instab hati. Dan ma jirrizulita imkien fis-sentenza illi r-rikorrent qieghed jpprova jimpunja permezz ta' din il-kawza u jikkostitwixxi biss asserzjoni gratuita ghad li sublimi.

(ii) Ghar-rigward tar-reati li r-rikorrent instab hati taghhom taht l-Ordinanza tad-Dwana, fejn tapplika l-prezunzjoni skond l-Artikolu 77 tal-Kap. 37 l-esponenti jirrileva illi m'huwiex korrett dak li gie sottomess fis-sens illi l-Artikolu 77 tal-Ordinanza tad-Dwana jipprezumi l-htija u dan peress illi :

(a) Kull ma jagmel l-imsemmi artikolu huwa illi jpoggi l-oneru tal-prova tal-hlas tad-dazju fuq l-imputat wara li l-prosekuzzjoni tkun stabbiliet l-ezistenza ta' fatti u cirkostanzi illi jkunu jitolbu spjegazzjoni.

(b) Fil-kaz kriminali in diskussjoni l-prosekuzzjoni ippruvat illi kienet saret importazzjoni ta' diversi oggetti mis-socjeta' li taghha l-imputat kien direttur

fuq medda ta’ sentejn fejn id-dazju u l-levy qatt ma gew ricervuti mid-Dwana filwaqt illi n-numri fuq it-timbri bil-kliem “Received Payment” li kien hemm fuq l-“entries” tas-socjeta’ tar-rikorrent kienu kollha numri li kienu intuzaw mid-Dwana ghal fuq entries ta’ diversi importaturi ohra f’okkazjonijiet ohra. F’dawn ic-cirkostaqnzi huwa car illi jekk ir-rikorrent kien qed jallega illi d-dazju kien, kontra dak li kienu juru l-provi l-ohra kollha, thallas, kien jispetta lilu illi jippruva dak il-hlas ghall-inqas sal-grad tal-probbabilita.

(c) Huwa ukoll principju tad-dritt processwali penali illi meta fatt allegat ikun fil-konoxxenza biss tal-imputat huwa l-imputat li jrid jippruvah.

(d) L-Artikolu 77 bl-ebda mod ma johloq xi prezunzjoni illi ma tistax tigi ribattuta jew illi tivvjeta lill-Qorti milli tikkunsidra l-fatti partikolari ta’ kull kaz biex tasal ghall-konkluzjoni dwar jekk l-imputat irnexxielux jiskarika l-oneru tal-prova sal-grad ta’ probbabilita rikjest minnu.

(e) Illi l-Kap. 319 jaghmilha cara fit-Tieni Skeda tieghu, illi tinkludi d-Dikjarazzjonijiet u r-Rizervi tal-Gvern Malti meta rratifika l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem illi :

“The Government of Malta declares that it interpretes paragraph 2 of Article 6 of the Convention in the sense that it does not preclude any particular law from imposing upon any person charged under such law the burden of proving particular facts.”

(f) Illi skond l-Artikolu 3 tal-Kap. 319 d-drittijiet fondamentali inkorporati fil-Konvenzjoni japplikaw bhala parti mil-ligi ta’ Malta bhala suggetti ghall-imsemmija dikjarazzjonjiet u rizervi.

(g) L-istess tip ta’ kwalifika tinsab fl-Artikolu 39(5) tal-kostituzzjoni illi jipprovdi illi :

“(5) Every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty:

Provided that nothing contained in or done under the authority of any law shall be held to be inconsistent with or in contravention of this sub-article to the extent that the law in question imposes upon any peson charged as aforesaid the burden of proving particular facts.”

(h) Illi kull prezunzjoni illi jista jigi ritenut illi johloq l-Artikolu 77 tal-Kap. 37 hija wahda fil-limiti tar-ragjonevolezza illi tiehu kont tad-drittijiet tad-difiza u tal-principji tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-prezunzjonijiet partikolarment kif dawk il-principji gew delinejati fis-sentenza “Salabiaku vs France” tal-Qorti Ewropeja tas-7 ta’ Ottubru 1988 (Series A no 141A, pp. 15-18, paras 28-30).

3. Kwantu ghall-allegazzjoni fis-sens illi s-sentenza inghatat abbazi ta’ provi mhux ammissibbli huwa sottomess illi :

(i) Illi hija totalment skorretta s-sottomissjoni tar-rikorrent illi l-Qorti tal-Appell Kriminali strahet biss fuq prova tal-prosekuzzjoni illi hija wahda ex parte. Wiehed jassumi illi r-rikorrent qed jirreferi ghall-provi migjuba mill-esperti Germanizi li kienu jikkonsistu fi “stills” tat-timbri originali tad-Dwana kif ukoll ta dawk foloz misjuba fuq l-entries tas-socjeta’ tar-rikorrent. Minn ezami tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali jirrizulta b’mod lampanti li l-Qorti strahet fuq kwantita kbira ta’ provi li ingabu mill-prosekuzzjoni. Il-prova li ghaliha qed jaghmel accenn ir-rikorrent hija prova wahda, fattwali, li ghalkemm maghmula minn espert ma tikkostitwix espressjoni ta’ opinjoni izda hija konstatazzjoni semplici ta’ fatt oggettiv. Huwa ukoll totalment zbaljat illi jinghad illi l-Qorti strahet biss fuq din il-prova u dan peress illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet biss accenn ghal din il-prova u dan fil-kors tal-ezami taghha ta’ l-ahhar aggravju tal-Avukat Generali.

4. Kwantu ghall-allegazzjoni fis-sens illi l-Qorti tal-Appell Kriminali applikat il-prezunzjoni imsemmija fl-Artikolu 77 tal-Kap. 37 ghal reati taht il-Kodici Kriminali, kif intqal izjed ‘il fuq din hija semplicement asserzjoni gratuita li ma ssib ebda konfort fis-sentenza innifisha. Huwa car illi s-sejbien ta’ htija fir-reati kollha kien ir-rizultat ta’ appezzament komplet tal-assjem tal-provi kollha migjuba fil-kaz u dan kif ghandu dejjem isir minn Qorti ta’ gurisdizzjoni Kriminali.

Certament il-provi f’kawzi kriminali m’ghandhomx jigu spezzettati u izolati izda ghandhom jigu apprezzati fl-assjem taghhom biex il-gudikant jasal ghall-konkluzjoni li tkun wahda legalment u ragjonevolment valida u li tirrifletti l-konvinciment morali u genwin tieghu.

Ghaldaqstant l-esponenti jopponu it-talbiet avvanzati fir-rikors promotur u jissottomettu illi dawn ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda li tressqet, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni orali ta’ dan ir-rikors;

Rat illi ir-rikors thalla ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex jigi iddikjarat illi ir-rikorrenti sofra ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu relattati ma smigh xieraq fi zmien ragonevoli ta’ kawza kriminali ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Iskeda tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

Il-Qorti ghandha ukoll talba sabiex jigi dikjarat illi l-intimati kisru id-dritt tar-rikorrenti relatat mal-presunzjoni tal-innocenza ai termini tal- Artikolu 39 sub-artikolu 5 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

Illi l-Qorti ser tibda sabiex tittratta l-allegazzjoni tal-ksur tad-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli.

Illi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jghid hekk :

“Kull meta xi hadd ikun akkuzat b’reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi

moghti smigh xieraq fi zmien ragonevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali imwaqqfa b'ligi".

L-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligjiet ta' Malta dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali ighid hekk:-

"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragjonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f'socjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-Qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicita` tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja".

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Central Mediterrranean Development Corporation Limited vs Avukat Generali[1] deciza fl-14 ta' Novembru 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fejn il-Qorti ghamlet referenza ghall-kawzi Vocaturo vs Italy[2] u G.H vs Austria[3], fejn il-Qorti Ewropea qalet li:

"It is for contracting states to organise their legal systems in such a way that their Courts can guarantee the right to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time".

Izda l-istess Qorti ghamlet referenza wkoll ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea fosthom Harris, O'Boyle Warbick[4], u li permezz taghha gie ritenut li sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm dewmien li mhux ragonevoli, hemm bzonn li jigu kkunsidrati t-tliet fatturi segwenti:

[1] Rikors Numru. 21/2002/1
[2] ECHR: 24 ta' Mejju, 1991
[3] ECHR: 3 ta' Ottubru, 2000
[4] Law of the European Convention on Human Rights

(a) il-komplessita’ tal-kaz;
(b) l-imgieba tal-Qorti;
(c) l-imgieba ta’ min ikun qed jaghmel il-lament.

Illi fid-dawl ta’ dawn il-principji stabbiliti mill-Qorti Ewropea, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza msemmija aktar ‘il fuq[5], rriteniet li l-obbligu tal-istat li jara li jkun hemm decizjoni finali fi zmien ragonevoli “irid jigi bilancjat ma’ privileggi ohra moghtija lic-cittadini. Huwa facli li tillimita n-numru ta’ l-appelli billi tgholli l-ispiza necessarja b’mod li ftit jkunu dawk li jkunu jistghu jaffordjaw id-doppio esame tal-kaz taghhom, jew billi tillimita d-dritt ta’ l-appell ghal certi kazijiet biss, b’mod li c-cittadin jasal li jkollu cans wiehed biss biex jitlob remedju. Ghalhekk, dak li hu “zmien ragjonevoli” ghad-determinazzjoni ta’ kawza, irid jigi kunsidrat fid-dawl ta’ drittijiet ohra moghtija lic-cittadin, drittijiet li hekk kif jigu uzufruttwati jwasslu, necessarjament, ghal numru konsiderevoli ta’ petizzjonijiet imressqa quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell li jridu, bid-debita attenzjoni u reqqa, jigu konsidrati minn dak it- Tribunal”.

Illi l-Qorti imbaghad ghaddiet biex taghmel referenza ghall-kawzi decizi mill-Qrati ta’ Malta fejn il-lanjanza tal-attur li d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli kien inkiser giet akkolta. Il-Qorti semmiet id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali moghtija fil-kawza fl-ismijiet Manduca vs Onorevoli Prim Ministru deciza nhar it-23 ta’ Jannar 1995, fejn ksur taz-zmien ragjonevoli gie ravvizat meta l-Qrati kienu hadu aktar minn hdax-il sena biex qatghu l-kwistjoni dwar il-kompetenza o meno tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba, tul ta’ zmien li dik il-Qorti iddeskriviet bhala “wiehed eccessiv fic-cirkustanzi u ghalhekk aktar ingustifikat” kif ukoll id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Xuereb George vs Registratur tal-Qrati et deciza fit-8 ta’ Novembru, 2004 fejn gie wkoll ravvizat dewmien esagerat u dan peress li kawza ghall-

[5] **Central Mediterrranean Development Corporation Limited** vs **Avukat Generali** deciza nhar l-14 ta’ Novembru 2002 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)

esekuzzjoni ta' sentenza b'talba ghall-hrug ta' Mandat in factum kienet damet kwazi tmintax-il-sena biex tigi deciza.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet Ebcin v. Turkey[6] fejn il-Qorti rriteniet li ghalkemm l-investigazzjoni ghar-reat kienet bdiet "fairly promptly and carried out against a backdrop of terrorist acts perpetrated in the name of an illegal organization", l-aggressuri gew arrestati sitt snin wara. Il-proceduri kontra wiehed mill-imputati hadu aktar minn seba' snin filwaqt li l-proceduri kontra l-komplici tieghu kienu ghadhom ghaddejjin. Il-Qorti qalet ukoll li ghalkemm l-aggressuri kienu inghataw sentenzi ta' prigunerija fit-tul, il-fatt li l-proceduri hadu daqshekk fit-tul tellef mill-effettivita' tal-istess sentenza u tellef ukoll l-element ta' deterrent li proceduri bhal dawn ghandhom ikollhom. Tenut kont ta' dan kollu, l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-awtoritajiet tat-Turkija "failed to conduct effective criminal proceedings that satisfied the requirement of promptness".

Ikkunsidrat :

Illi mill-gurisprudenza citata aktar 'il fuq, jidher car li fejn il-Qrati sabu ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, dan sar fejn id-dewmien, mehud kont il-vertenza, kien wiehed twil u esagerat izzejjed. Issa dak li trid tezamina il-Qorti huwa jekk fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz odjern, u ai termini tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq, il-kaz kienx wiehed kumpless li allura wassal ghal certu dewmien (u jekk tali dewmien kienx gustifikat), tevalwa l-imgieba tal-Qorti u tevalwa wkoll l-imgieba ta' min qed jaghmel il-lament. Min-naha taghhom l-Avukat Generali, u l-Kummissarju tal-Pulizija, permezz tar-risposta taghhom[7], jikkontendu li l-kaz in ezami kien wiehed kumpless li kien jinvolvi mhux biss is-smiegh ta' hafna xhieda (u dan fih innifsu huwa maghruf li jiehu z-zmien tieghu) izda wkoll ta' ezamijiet xjentifici u paraguni ta' hafna dokumenti u anke xhieda mill-esteru u perizji. Dawn il-fatturi kollha huma fatturi li minnhom innifishom jirrikjedu certu zmien u zgur li

[6] ECHR: 1 ta' Frar 2011 (application no. 19506/05)
[7] A fol 14

ma jistghux jittiehdu b'mod legger. Anzi il-Qorti tirrileva li kien ikun f'kaz li dawn l-istess fatturi ma jinghatawx il-piz li kien haqqhom ghal ragunijiet ta' heffa u speditezza, li d-dritt ghal smiegh xieraq ikun vjolat. Mill-process kriminali allegat mal-atti tal-kawza odjerna, jirrizulta bl-aktar mod car u ampju li l-volum ta' dokumenti u xhieda (inkluz dik barranija u esperta), jindika li kien bzonn ta' zmien twil, fl-ewwel lok sabiex din l-istess evidenza tingabar, u fit-tieni lok sabiex tigi evalwata u finalment twassal lill-gudikant ghall-gudizzju tieghu. Minn evalwazzjoni tal-istess allegazzjoni tal-atti, il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li l-Qorti Kriminali kellha volum kbir ta' provi li gew migbura u li ghalhekk, il-gustifikazzjoni tad-dewmien tohrog mill-istess provi voluminuzi. Il-Qorti tirrileva wkoll li ghalkemm kien hemm xi talbiet ghal differiment, dawn ma jammontawx ghal numru kbir u ghalhekk, iz-zmien hekk 'mohli' ghall-istess zgur li ma jistax jitqies bhala wiehed li jilledi d-drittijiet tar-rikorrenti odjern (anke tenut kont tax-xoghol u l-provi li gew migbura fl-istess kawza).

Il-Qorti trid tezamina wkoll l-allegat dewmien da parti tar-rikorrent stess. M'hemmx f'hiex wiehed jintilef, id-dewmien sabiex tigi deciza l-kaz u li jkun attribwibbli ghar-rikorrent, zgur li ma jifformax parti mit- talba ta' dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, meta tali allegata vjolazzjoni jkun ikkagunaha hu stess. Izda il-Qorti thoss li l-fattur pricipali ghat-tul li hadu l-proceduri kriminali kien dovut ghall-volum kbir ta' dokumentazzjoni u xhieda li gew migbura quddiem l-istess Qrati ghaliex, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara il-Qorti, ghalkemm kien hemm xi talbiet ghal differiment, dawn ma kienux tali li jammontaw ghal ragunijiet imputabbli lir-rikorrent jew li jistghu jigu interpretati b'mod li l-kawza principali tad-dewmien tal-proceduri kien fil-fatt l-istess rikorrent. Kif diga' intqal, jidher car li l-fattur principali ghad-dewmien kien il-volum tax-xhieda u l-provi migbura u d-diffikultajiet relatati mal-istess.

Illi il-Qorti tinnota wkoll li permezz tal-affidavit tieghu[8], r-rikorrent ma jaghti ebda hjiel dwar kif jahseb li d-drittijiet

[8] A fol 14

fundamentali tieghu gew vjolati, izda jikkoncentra biss fuq il-fatti li diga' gew decizi b'mod definittiv mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi r-rikorrent ma sofra ebda vjolazzjoni tal-artikolu 6.

**<u>Dwar l-allegat ksur tad-dritt tal-presunzjoni tal-innocenza tar-rikorrenti.</u>**

Illi l-Artikolu 39 subartikolu (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jghid li:

"Kull min jigi akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm jigi pruvat jew ikun wiegeb li huwa hati:
Izda ebda haga li hemm fi jew maghmula skond l-awtorità ta' xi ligi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-ligi timponi fuq xi persuna akkuzata kif intqal qabel il-piz tal-prova ta' fatti partikolari"

Illi l-Artikolu 6(1)(2) tal-Ewwel Skeda tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm ma jigix pruvat hati skond il-ligi"

Illi r-rikorrent jibbaza t-talba tieghu ghal dikjarazzjoni f'dan is-sens abbazi tal-oneru tal-prova li hija imposta fuq l-imputat ai termini tal-Artikolu 77 tal-Ordinanza dwar id-Dwana, illi jghid illi huwa l-imputat li ghandu jipprova li hu hallas id-dazju, minflok li l-prosekuzzjoni tipprova li dak id-dazju ma thallasx. Min-naha taghhom, l-intimati jikkontendu li fl-ewwel lok il-bicca l-kbira tar-reati li nstab hati taghhom ir-rikorrent ma kienux jaqghu taħt l-Ordinanza msemmija (u ghalhekk l-argument tal-inverzjoni tal-allegata presunzjoni tal-innocenza mhux applikabbli), filwaqt li ghal dawk ir-reati li jaqghu taħt l-Ordinanza msemmija, jirrilevaw li l-argument tar-rikorrent mhux gust ghaliex kull ma jaghmel l-Artikolu 77 tal-Ordinanza huwa li jpoggi l-oneru tal-prova tal-hlas tad-

dazju fuq l-imputat wara li l-prosekuzzjoni tkun stabbiliet l-ezistenza ta' fatti u cirkustanzi li jkunu jitolbu spjegazzjoni. Il-Qorti tirrileva wkoll illi l-fatt li f'xi reati partikolari l-oneru tal-prova jaqa fuq l-imputat (u dan ai termini tat-tieni parti tal-Artikolu 39(5) citat aktar 'il fuq, huwa kontemplat mill-Kostituzzjoni ta' Malta stess li jiddikjara bl-aktar mod car li skond l-oneru ma jmurx kontra u zgur li ma hu l-ebda prova ta' ksur tad-dritt tal-bniedem tal-presunzjoni tal-innocenza. Fuq dan l-istess argument,din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Salabiaku vs France[9] u Pham Hoang vs France[10] fejn gie stabbilit illi prezunzjoni ta' fatt ma tilledix id-drittijiet salvagwardjati mid-dritt ta' smiegh xieraq.

Illi min-naha tieghu r-rikorrent jikkontendi[11] li ghalkemm l-istat ghandu l-poter li jimponi "presumptions of fact or of law", dawn necessarjament iridu jkunu limitati sabiex l-interessi tal-imputat jigu salvagwardjati. Din il-Qorti tirrileva li anke mid-dicitura tal-gurisprudenza citata mir-rikorrent stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, jirrizulta li l-Qorti Ewropea tirrikonoxxi li tali inverzjoni tal-prova ma jmurx kontra d-drittijiet tal-bniedem. Il-Qorti tghid li dan ghandu jsir b'mod limitat pero' din id-dikjarazzjoni m'ghandhiex tigi interpretata b'mod wiesgha tant li twassal ghall-konkluzjoni assurda li tali inverzjoni effettivament tikser id-drittijiet tal-bniedem. Il-Qorti Ewropea anzi tikkwalifika tali dritt jew poter li ghandu l-istat sabiex taccerta ruhha li l-ebda stat ma jmur oltre dawk il-parametri li huma accettabbli u li huma konformi mal-principji ta' gustizzja naturali fi process gudizzjarju. Tenut kont ta' dan kollu, u tenut kont tal-fatt li din l-inversjoni tal-oneru tal-prova hija limitata ghal numru ta' reati biss u xorta wahda hemm kull possibilita' lill-imputat sabiex iressaq il-provi tieghu fis-sens illi ghandu jigi ezonerat mill-akkuzi migjuba kontrih, il-Qorti thoss li m'hemm ebda bazi ghal xi argument fis-sens li l-Istat mar lil hinn mill-parametri msemmija mill-Qorti Ewropea.

---

[9] Deciza mill-Qorti Ewropea nhar is-7 ta' Ottubru 1988

[10] Deciza mill-Qorti Ewropea nhar il-25 ta' Settembru 1992

[11] Ara n-Nota ta' Osservazzjonijiet tieghu esebita a fol 387, b'referenza partikolari ghal fol 395

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Grech Sant deciza nhar id-29 ta' Novembru 1989 mill-Qorti Kostituzzjonali, fejn il-Qorti ghamlet referenza ghall-insenjamenti ta' Jacobs li jghid:

"What the principle of presumption of innocence requires here is just that the court should not be predisposed to find the accused guilty and second that it should at all times give the accused the benefit of the doubt on the rule 'in dubio pro reo'".

Illi il-Qorti tissottometti wkoll li, minkejja li ghal dak li jirrigwarda r-reati kontemplati taħt l-Ordinanza msemmija, l-oneru tal-prova kien fuq l-istess imputat, bl-ebda mod ma jista' jinghad li r-rikorrent ma inghatax il-beneficcju tad-dubju imsemmi fis-sentenza fil-kawza Il-Pulizija vs Anthony Grech Sant citata aktar 'il fuq f'dan il-gudikat (u dan hu kkonfermat u vverifikat ukoll mill-atti tal-istess proceduri kriminali).

Illi l-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Allenet de Ribemont v France[12], fejn il-Qorti Ewropea irreteniet li:

"The presumption of innocence...will be violated if a judicial decision concerning a person charged with a criminal offence reflects an opinion that he is guilty before he has been proved guilty according to law. It suffices, even in the absence of any formal finding, that there is some reasoning suggesting that the court regards the accused as guilty... Moreover, the Court reiterates that the Convention must be interpreted in such a way as to guarantee rights which are practical and effective as opposed to theoretical and illusory... The Court considers that the presumption of innocence may be infringed not only by a judge or court but also by other public authorities"

[12] ECHR: 23 ta' Jannar 1995

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti tirrileva illi l-oneru tal-prova fil-kamp civili huwa ferm differenti minn dak applikabbli fil-kamp kriminali. F'dan l-istadju, il-Qorti tirreferi ghall-kawza fl-ismijiet Stella Borg vs Joseph Cassar et deciza nhar il-25 ta' April 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fejn il-Qorti qalet hekk :

"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli".

Illi dwar l-apprezzament tal-provi (sabiex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni ta' htija minghajr ebda dubju ragonevoli), il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetturi Peter Paul Zammit u Sandro Zarb) Vs VICTOR GAUCI[13] deciza nhar is-26 ta' Jannar 2001 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn gie dikjarat li:

"Il-Qorti qatt ma tista' issib htija f'xi hadd meta l-provi jistghu jwasslu biss sal-grad tal-possibbli, jew tal-probabbli, jew in bazi ta' suspetti biss".

Il-Qorti tirrileva li l-apprezzament tal-provi jaqa' taħt il-funzjoni tal-Qorti Kriminali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Din il-Qorti kif presjeduta m'ghandhiex il-funzjoni li tkun il-Qorti tat-tielet istanza. Hija l-Qorti tal-Appell li ghandha l-poter li tara u tivverifika jekk l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha jew le. Huwa f'kaz li l-Qorti tal-Appell thoss li l-ewwel Qorti ma setghetx tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti li l-Qorti tal-appell tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti. Fi ftit kliem, il-Qorti tal-Appell ma

[13] Appell Numru 194/2000

tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Dan qieghed jinghad fid-dawl tas-sentenzi moghtija fil-kawzi fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et[14], Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi[15], Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace[16] u Il-Pulizija vs Anthony Zammit[17]. Jirrizulta b'mod ampju li r-rikorrent inghata kull opportunita' possibbli li jgib il-provi necessarja sabiex jiskolpa ruhu, u dan hu evidenzjat anke mill- istess atti.

Illi fid-dawl tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghall-presunzjoni tal-innocenza il-Qorti, filwaqt li terga' taghmel referenza ghat-tieni parti tal-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni, taqbel mal-argument tal-intimati, u cioe' li r-rikorrent, minkejja li ghandu l-oneru tal-prova fuqu, ghandu dejjem il-possibilita' li jressaq dik il-prova ta' hlas, specjalment in vista tal-fatt li l-akkuza in kwistjoni ddur fuq hlas li kellu jsir u illi allegatament ma sarx. Ghalhekk il-prova da parti tal-prosekuzzjoni, se mai il-kwistjoni hija dejjem dik li l-imputat ma hallasx (ghaliex dak huwa r-reat kontemplat). Jekk imbaghad l-imputat igib dik il-prova biex iwaqqa' l-arugment u l-kaz tal-prosekuzzjoni, allura l-istess imputat ikun irnexxielu jipprova dak li jkun qed isostni. Tenut kont tar-reati in kwistjoni (ghalkemm dan b'mod parzjali stante li r-reati li taghhom ir-rikorrent instab hati ma kienux kollha kontemplati fl-Ordinanza msemmija), il-Qorti tikkonkludi li ma tirrizulta l-ebda vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrernti ghall-presunzjoni tal-innocenza.

**<u>Dwar l-allegazzjoni li s-sentenza mertu tal-kaz odjern inghatat abbazi ta' provi mhux ammissibbli</u>.**

Il-Qorti, minghajr ma tidhol fil-mertu tal-allegazzjoni tar-rikorrent (u li dwarha ma jsemmi xejn fl-affidavit tieghu[18]),

---

[14] Deciza nhar it-12 ta' Mejju 1994
[15] Deciza nhar l-14 ta' Frar 1989
[16] Deciza nhar il-31 ta' Mejju 1991
[17] Deciza nhar il-31 ta' Mejju 1991
[18] A fol 34

tirrileva li din il-Qorti m'hijiex Qorti tat-tielet istanza u ghalhekk, gialadarba il-kawza hija res judicata (stante li giet deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali), din il-Qorti m'ghandha bl-ebda mod terga' tiftah il-proceduri dwar il-mertu tal-istess. F'dan l-istadju, ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq Vs L-Avukat Generali u l-Kummissarju ta' l-Artijiet[19] deciza nhar il-11 ta' Novembru, 2008 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili, fejn saret riferenza ghall-kawza fl-ismijiet Dr. Jose Herrera noe vs Anthony Cassar et noe, deciza nhar il-5 ta' Ottubru 1992 mill-Qorti ta' l-Appell Kummercjali fejn gie dikjarat illi:

"Sentenza li ghaddiet 'in giudicato' jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq – res judicata pro veritate habetur – jigifieri l-fundament ta' l-'actio' u tal l-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali";

Ghalhekk il-Qorti, una volta ma jezistix appell minn appell u ghalhekk, il-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali hija wahda definittiva, tqis dik is-sentenza bhala tajba u sewwa. Ghalhekk, m'hemm ebda lok ghal din il-Qorti sabiex terga' tiftah il-proceduri kriminali li ghaddew in gudikat.

Ghaldaqstant il-Qorti, ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, qeghda taqta u tiddeciedi dan ir-rikors kostutizzjonali billi filwaqt illi tilqa is-sottomissjonijiet tal-intimati, tichad it-talbiet tar-rikorrent u tiddikjara illi ma gewx vjolati id-drittijiet fundamentali tieghu kif prottetti bl-Artikolu 39 u in partikolari is-subartikolu 5 tal-istess Artikolu tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropeja, Kapitolu 319 u konsegwentement tichad it-talba tar-rikorrent sabiex tannulla u thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-15 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Sydney Ellul Sullivan. Bl-ispejjez kontra ir-rikorrent.

---

[19] Citazzjoni Numru. 327/2007

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------